MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2011

Numru. 110/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Maurice Curmi]**

**vs**

**Jason Mark Sciberras**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Jason Mark Sciberras detentur tal-karta tal-identita` numru 101773(M).

Akkuzat talli fit-28 ta' Frar 2007 u fil-jiem u gimghat ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer:

Irrenda ruhu komplici fl-ghoti ta' dikjarazzjoni jew certifikat falz, ai termini tal-artikoli 42 u 185 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Aktar talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi, xjentament ghamel uzu minn wiehed mid-dokumenti imsemmija fl-artikolu 185 tal-Kodici Kriminali ai termini tal-artikolu 186 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentament ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, ai termini tal-artikolu 188 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Kif ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, halef il-falz quddiem ufficcjal li kellu s-setgha b’ligi li jaghti l-gurament, ai termini tal-artikolu 108 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 109 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti; inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat l-ezami tal-imputat fejn wiegeb li mhuwiex hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih izda li fl-udjenza tat-28 ta’ Ottubru 2011, huwa irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontrih u rega’ ikkonferma tali ammissjoni anke wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu;

Semghet il-provi;

Rat li prosekuzzjoni rtirat l-akkuzi taht l-Artikoli 108 u 109 tal-Kap. 9; u

Rat li l-imputat kien ikkopera bis-shih mal-prosekuzzjoni u li l-involviment tieghu ma kienx determinanti ghall-otteniment tal-licenzja de quo.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-Artikoli 17(h), 42(d), 185(1), 186 u 188 tal-Kap. 9, qed issib lill-imputat Jason Mark Sciberras hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih hlief kif hawn fuq inghad u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-lum, filwaqt li tilliberah mill-akkuzi taht l-Artikoli 108 u 109 stante li dawn gew irtirati mill-prosekuzzjoni.

Finament spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------